MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-1 ta' Frar, 2023

Appell Inferjuri Numru 27/2022 LM

**John Galea (K.I. 485083M) u Robert Galea (K.I. 307085M)**
*('l-appellanti')*

***vs.***

**L-Awtorità tal-Artijiet**
*('l-Awtorità appellata')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrenti **John Galea** u **Robert Galea,** [hawnhekk 'l-appellanti'], minn sentenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], tas-27 ta' Settembru, 2022, [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'], li permezz tagħha t-Tribunal ċaħad l-appell tar-rikorrenti fir-rigward tal-parti tad-deċiżjoni tal-intimata **Awtorità tal-Artijiet** [hawnhekk 'l-appellata'] tal-11 ta' Marzu, 2022 fejn ġie

deċiż li Robert Galea mhux eliġibbli għaliex mhuwiex reġistrat bħala *part-time* farmer, filwaqt li rrevokaha f'dik il-parti fejn ġie deċiż li r-rikorrenti ma kinux jikkwalifikaw għad-dritt tal-ewwel rifjut abbażi tal-pussess li kellhom ta' art li kienet tmiss ma' dik in kwistjoni.

**<u>Fatti</u>**

2. Fl-14 ta' Jannar, 2022, l-Awtorità tal-Artijiet kienet ħarġet sejħa għall-offerti għall-kiri, minn sena għal sena, ta' sit fl-inħawi magħrufa bħala 'Ta' Danza' fiż-Żurrieq [minn issa 'l-art'], għal skop agrikolu, u dan wara li r-rikorrenti għamlu talba għal dan billi mlew formula appożita. Fis-sejħa għall-offerti ġie dikjarat li l-offerenti għandhom ikunu persuni rreġistrati bħala bdiewa *full-time* jew *part-time,* skont ċertifikat maħruġ mid-Dipartiment tal-Agrikoltura li għandu jiġi ppreżentat flimkien mad-dokument tal-offerta, u din l-offerta tista' tkun suġġetta wkoll għad-dritt tal-ewwel rifjut skont l-artikolu 32 tal-Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Ir-rikorrenti tefgħu l-offerta tagħhom, u ddikjaraw li għandhom dritt tal-ewwel rifjut skont l-artikolu 32 tal-Kap. 573, u ppreżentaw għadd ta' dokumenti sabiex isostnu t-talba tagħhom. Jirriżulta li kienu tnejn l-offerenti li pparteċipaw f'din is-sejħa għall-offerti, ir-rikorrenti u terz li offra ammont annwu ta' kera ogħla minn dak li offrew ir-rikorrenti, b'dan illi r-rikorrenti kienu disposti li jgħollu l-offerta tagħhom skont dan l-ogħla ammont offrut mit-terz. Fir-rikors tagħhom quddiem it-Tribunal, ir-rikorrenti qalu li minkejja dan kollu, permezz ta' deċiżjoni tal-11 ta' Marzu, 2022, l-Awtorità intimata infurmathom li l-offerta tagħhom ma kinitx sejra tiġi aċċettata għaliex huma m'għandhom l-ebda titolu skont il-liġi bis-saħħa ta' konvenju li għadu

pendenti, kif ukoll għaliex wieħed ir-rikorrent Robet Galea mhuwiex eliġibbli biex jagħmel l-offerta tiegħu għaliex mhux reġistrat bħala bidwi *part-time*. In vista ta' din id-deċiżjoni, l-Awtorità intimata rritornat il-*bid-bond* li kienu ssottomettew ir-rikorrenti.

**<u>Mertu</u>**

3. Ir-rikorrenti ħassewhom aggravati b'din id-deċiżjoni, u għalhekk ressqu l-appell tagħhom minnha quddiem it-Tribunal. Qalu li d-deċiżjoni tal-Awtorità hija żbaljata, u din kellha tqis li r-rekwiżiti għall-għoti tad-dritt tal-ewwel rifjut ġew sodisfatti ladarba ġie stabbilit li wieħed mill-offerenti jissodisfa r-rekwiżit li jrid ikun reġistrat bħala bidwi *part-time.* Ir-rikorrenti qalu li l-Awtorità insistiet li l-offerent irid ikun irreġistrat bħala bidwi *full-time* jew *part-time* għaliex din l-art hija waħda agrikola, iżda dan ma jfissirx li ladarba wieħed mill-offerenti jissodisfa r-rekwiżit li huwa rreġistrat bħala bidwi, dan ma jistax jinvolvi persuni oħra fix-xogħol agrikolu tiegħu. Ir-rikorrenti qalu li l-offerta setgħet saret minn wieħed biss mir-rikorrenti, jiġifieri minn dak li huwa rreġistrat bħala bidwi mad-Dipartiment tal-Agrikoltura, u dan kellu jitqies li huwa eliġibbli, u għalhekk l-applikazzjoni tagħhom ma kellhiex titqies li mhijiex eliġibbli għaliex żdied offerent li mhux irreġistrat bħala bidwi. Ir-rikorrenti żiedu jgħidu li ż-żewġ rikorrenti huma irreġistrati mad-Dipartiment tal-Agrikoltura, għaliex Robert Galea huwa rreġistrat fuq il-*farmer registration code* tar-rikorrent l-ieħor John Galea, billi jassistih fl-attività agrikola tiegħu, u huma t-tnejn irreġistrati bħala *part-time farmers* mal-Aġenzija JobsPlus.

4. Ir-rikorrenti qalu li l-Awtorità intimata hija żbaljata wkoll fid-deċiżjoni li ħadet dwar id-dritt tal-ewwel rifjut, għaliex fiż-żmien li fih ħarġet is-sejħa għall-offerti għall-kiri tal-art, huma kellhom konvenju biex jakkwistaw b'titolu ta' xiri l-proprjetà immedjatament adjaċenti għall-art mertu ta' din is-sejħa għall-offerti, u fil-fatt huma ffirmaw il-kuntratt għall-akkwist ta' din l-art permezz ta' kuntratt tat-28 ta' Frar, 2022 fl-atti tan-Nutar Daniel John Bugeja. Ir-rikorrenti qalu li huma kienu infurmaw lill-Awtorità intimata b'dan l-akkwist, iżda din ħadet id-deċiżjoni tagħha bħallikieku dan l-akkwist minnhom ma kienx sar. Qalu wkoll li anki li kieku bħala fatt l-Awtorità qieset li fiż-żmien li fih ħarġet is-sejħa għall-offerti huma kienu għadhom m'akkwistawx l-imsemmija art adjaċenti, jibqa' l-fatt li huma kellhom il-pussess ta' din l-art. Ir-rikorrenti żiedu jgħidu li min-naħa tagħhom huma kienu indikaw lill-Awtorità li huma kellhom proprjetà oħra ftit metri biss bogħod mill-għalqa in kwistjoni, u li *ai termini* tal-artikolu 32 tal-Kap. 573, dan ifisser li l-Awtorità intimata kellha ttihom il-jedd tal-ewwel rifjut fir-rigward ta' din l-art, iżda li fid-deċiżjoni tagħha l-intimata ma ħaditx konjizzjoni ta' dan.

5. Flimkien mar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti ppreżentaw kopja tal-ittra tal-11 ta' Marzu, 2022 li permezz tagħha l-Awtorità intimata infurmathom li l-offerta tagħhom ma kinitx qegħda tiġi aċċettata għaliex irriżultalha li r-rikorrenti m'għandhom l-ebda titolu fuq art adjaċenti meta huma għadhom fuq konvenju li għadu pendenti, kif ukoll għaliex kien irriżulta li wieħed mill-aħwa Galea mhuwiex eliġibbli għaliex mhuwiex irreġistrat bħala bidwi *part-time* jew *full-time.* Ir-rikorrenti ppreżentaw ukoll kopja tas-sejħa għall-offerti maħruġa mill-

intimata, b'elenku tal-kundizzjonijiet li kienet soġġetta għalihom din is-sejħa għall-offerti.

6. L-Awtorità intimata fir-risposta tagħha wieġbet li ladarba l-offerta ntefgħet miż-żewġ rikorrenti flimkien, kull wieħed minnhom kellu jissodisfa r-rekwiżit tar-reġistrazzjoni mad-Dipartiment tal-Agrikoltura sabiex ikunu eliġibbli biex jixħtu l-offerta mertu tal-appell tagħhom. Qalet ukoll li ċ-ċertifikazzjoni li ġiet ppreżentata mir-rikorrenti tappartjeni lil wieħed biss mill-offerenti, u kien għalhekk li l-Bord tal-Gvernaturi tal-intimata ddeċieda li r-rekwiżit taċ-ċertifikazzjoni ma ġiex sodisfatt. L-intimata wieġbet ukoll li r-rikorrenti ma ġewx ikkunsidrati għad-dritt tal-ewwel rifjut abbażi tal-pussess ta' art adjaċenti, għaliex irriżultalha li l-konvenju għall-akkwist tal-art adjaċenti għas-sit mertu tas-sejħa għall-offerti kien ilu ffirmat mill-2019, mingħajr qatt ma sar il-kuntratt finali. Qalet li għalhekk l-offerenti ma setgħux jitqiesu li għandhom xi titolu fuq l-art adjaċenti u għalhekk ma setgħux jingħataw id-dritt tal-ewwel rifjut. L-intimata qalet li huwa għalhekk li t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda u għandu jirriżulta li d-deċiżjoni tagħha hija waħda korretta u ġusta.

7. Ir-rikorrent **John Galea** fl-*affidavit* tiegħu spjega li huwa ilu rreġistrat bħala bidwi *part-time* mal-Aġenzija JobsPlus mill-2019 u huwa rreġistrat ukoll bħala bidwi mad-Dipartiment tal-Agrikoltura. Qal li r-rikorrent l-ieħor, Robert Galea huwa ħuh, li huwa wkoll rreġistrat bħala bidwi *part-time* mal-Aġenzija JobsPlus. Qal li meta ħuh ġie biex jirreġistra mad-Dipartiment tal-Agrikoltura, dan kien ġie infurmat li ma kellux bżonn FRC *number* tiegħu biex ikun jista' jidħol il-Pitkalija, u dan għaliex hu u ħuh dejjem ħadmu b'kont bankarju wieħed u b'numru tal-VAT wieħed, u għalhekk Robert Galea tniżżel bħala '*helper*' fuq l-

FRC *number* ta' John Galea. Ir-rikorrent qal li huwa u ħuh dejjem ħadmu bħala sħab, b'numru tal-VAT wieħed u b'kont bankarju wieħed, u huma t-tnejn ġuvintur. Qal ukoll li peress li l-FRC *number* huwa f'ismu, kull art li tinħadem minnhom hija rreġistrata f'ismu mad-Dipartiment tal-Agrikoltura, u dan għaliex l-art ma tistax tiġi rreġistrata fuq aktar minn persuna waħda. Qal ukoll li hu hu ħuh akkwistaw l-art adjaċenti għal dik mertu tas-sejħa għall-offerti permezz ta' kuntratt tat-28 ta' Frar, 2022 fl-atti tan-Nutar Daniel John Bugeja, u huma kienu ilhom fil-pussess ta' din l-art minn ħafna qabel iffirmaw il-kuntratt tal-akkwist. Qal ukoll li huma kienu akkwistaw art oħra, madwar sittin metru 'l bogħod minn dik mertu tas-sejħa għall-offerti permezz ta' kuntratt tas-27 ta' Settembru, 2021 fl-atti tan-Nutar Katia Farrugia Cachia. Ir-rikorrent ippreżenta pjanta li turi l-artijiet kollha li jinsabu fil-pussess tiegħu u ta' ħuh u li jinħadmu minnhom fl-istess akkwati, u li huma rreġistrati f'isimhom mad-Dipartiment tal-Agrikoltura. Ir-rikorrent qal li in vista ta' dan kollu, l-Awtorità intimata kellha tirrikonoxxi d-dritt tagħhom tal-ewwel rifjut. Ix-xhud esebixxa kopji ta' pjanti tal-artijiet li għamel riferiment għalihom fix-xhieda tiegħu, kif ukoll kopja tal-kuntratti tal-akkwist tal-artijiet, u dan in sostenn ta' dak dikjarat minnu fix-xhieda tiegħu.

8. Ir-rikorrent **Robert Galea** fl-*affidavit* tiegħu, spjega li huwa ilu rreġistrat bħala bidwi *part-time* mal-Aġenzija JobsPlus mill-2019, u li hu m'għandux FRC *number* tiegħu minħabba li hu u ħuh jaħdmu b'VAT number wieħed u b'kont bankarju wieħed. Dan ix-xhud ikkonferma li hu u ħuh jaħdmu bħala sħab, u b'kont bankarju wieħed.

9. **Ronald Psaila**, in rappreżentanza tal-intimata, xehed li kien hemm żewġ raġunijiet għalfejn l-aġġudikazzjoni tal-offerta ma saritx favur ir-rikorrenti, u dan għaliex iċ-ċertifikat tad-Dipartiment tal-Agrikoltura kien fuq wieħed minnhom biss, kif ukoll għaliex l-art adjaċenti għal dik mertu tas-sejħa għall-offerti kienet għadha fuq konvenju, u l-kuntratt għall-akkwist tagħha kien għadu mhuwiex finalizzat. Ix-xhud spjega li skont il-*policy* tal-Awtorità, l-offerent irid ikun bidwi rreġistrat, u dan ir-rekwiżit jitniżżel ukoll fuq il-formula tat-*tender.* Qal li ċ-ċertifikat tal-ARPA ġie sottomess minn wieħed biss mill-applikanti. Ix-xhud spjega li għall-Awtorità intimata, iċ-ċertifikat tal-ARPA jikkostitwixxi l-prova meħtieġa li l-applikant ikun irreġistrat bħala bidwi *full-time* jew *part-time,* u l-Awtorità ma tieħu l-ebda konjizzjoni tar-reġistrazzjoni mal-Aġenzija JobsPlus għal dan il-għan. Ix-xhud qal li l-unika dokumentazzjoni ppreżentata minn Robert Galea hija liċenzja li huwa jrabbi l-annimali. Ix-xhud ippreżenta kopja tal-*Policies and Procedures* tal-Awtorità tal-Artijiet maħruġa f'Jannar tal-2021, fejn hemm speċifikat li l-offerent irid ikum bidwi rreġistrat mad-Direttur tal-Agrikultura. Ippreżenta wkoll kopja tal-*Board Memo* fejn ittieħdet id-deċiżjoni fil-konfront tar-rikorrenti, kopja tal-kundizzjonijiet tas-sejħa għall-offerti, kopja tal-formula tas-sejħa għall-offerti, kif ukoll kopja ta' ittra mingħand ir-rappreżentant legali tar-rikorrenti fejn ġew spjegati r-raġunijiet għalfejn fil-fehma tagħhom dawn kellhom jingħataw id-dritt tal-ewwel rifjut. L-istess xhud ippreżenta *affidavit* fejn spjega li meta jintalab id-dritt tal-ewwel rifjut, ma jkunx hemm opportunità ta' smigħ qabel tittieħed id-deċiżjoni dwar jekk dan id-dritt għandux jingħata. Qal li minn mindu twaqqfet l-Awtorità tal-Artijiet, it-talba għad-dritt tal-ewwel rifjut tiġi eżaminata biss abbażi tad-dokumenti ppreżentati mas-sottomissjonijiet tal-offerta, u kull dokument li jiġi ppreżentat wara tali

sottomissjoni ma jiġix ikkonsidrat għall-fini tat-talba għad-dritt tal-ewwel rifjut. Qal ukoll li meta jiġu ppreżentati dokumenti mas-sottomissjoni tal-offerta, ma jingħata l-ebda dritt ulterjuri għal smigħ jew għal xi sottomissjonijiet oħra rigward it-talba għad-dritt tal-ewwel rifjut. Ix-xhud spjega li r-rikorrenti ma ppreżentaw l-ebda kuntratt ta' akkwist mal-offerta tagħhom, u tali dokumenti waslu għand il-Bord tal-Awtorità wara li kienet diġà saret l-aġġudikazzjoni.

10. Ix-xhud **Carmelo Callus** fl-*affidavit* tiegħu spjega li huwa wieħed mill-vendituri li biegħ lir-rikorrenti għalqa fl-inħawi magħrufa bħala 'Taż-Żebbuġa' f'Ħal Far limiti taż-Żurrieq. Qal li l-għalqa fiha madwar erbatax-il tomna. Spjega li fl-2019 hu u l-vendituri l-oħra kienu ftehmu mar-rikorrenti li kellhom ibiegħulhom din l-għalqa bil-prezz ta' €300,000, u kienu ffirmaw konvenju f'dan is-sens. Qal li l-kuntratt finali ta' bejgħ kellu jiġi ffirmat madwar sena wara, iżda kienu nqalgħu diffikultajiet mal-bank għaliex fuq parti mill-għalqa kien hemm ċens, u għalhekk kellhom jingħataw xi estensjonijiet fuq il-konvenju. Ix-xhud qal li meta nqalgħet din id-diffikultà, ir-rikorrenti kienu ħallsu lilu u lill-vendituri l-oħra parti sostanzjali mill-prezz mitlub biex juru li huma verament riedu jakkwistaw din l-għalqa, u wara li nfeda ċ-ċens li kien jaggrava parti mill-għalqa, r-rikorrenti resqu għall-kuntratt finali tal-akkwist tal-art. Dan ġie kkonfermat fl-*affidavits* tal-vendituri l-oħra tal-art adjaċenti għal dik mertu ta' dawn il-proċeduri, u ċjoé Catherine Abdilla, Nazzarena sive Rena Callus, Anthony Zammit u Joseph Zammit.

11. **Christian Schembri**, *Senior Agricultural Officer* fl-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali, xehed li r-rikorrenti qatt ma applikaw għal sussidju mal-Aġenzija.

## Is-Sentenza Appellata

12. Permezz ta' sentenza mogħtija fis-27 ta' Settembru, 2022, it-Tribunal ċaħad it-talbiet tar-rikorrenti fir-rigward tal-parti tad-deċiżjoni fejn ġie deċiż li Robert Galea mhux eliġibbli għaliex mhuwiex reġistrat bħala *part-time farmer,* filwaqt li rrevoka d-deċiżjoni tal-Awtorità fil-parti fejn ġie deċiż li r-rikorrenti ma kinux jikkwalifikaw għad-dritt tal-ewwel rifjut abbażi tal-pussess li kellhom ta' art li kienet tmiss ma' dik in kwistjoni, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"**Ikkunsidra:***

*...*

*Illi mill-provi prodotti jirriżulta illi fl-14 ta' Jannar, 2022, l-Awtorità intimata ħarġet sejħa għall-offerti għal kirja agrikola ta' sit* tale quale *f'Ta' Danza, iż-Żurrieq. Il-kundizzjonijiet tal-istess sejħa għall-offerti kienu jinkludu s-segwenti, u ċioe:*

1. *L-offerenti jridu jkunu bdiewa* full-time *jew* part-time *skont ċertifikat maħruġ mid-Dipartiment tal-Agrikoltura li kellu jiġi sottomess mad-dokument tal-offerta, jew studenti li temmew b'suċċess kors akkademiku fi studji agrikoli fil-ħames snin preċedenti mid-dħul fis-seħħ tal-Avviż Legali 573.06 u li għandhom jissottomettu kopja taċ-ċertifikat rilevanti mal-offerta tagħhom;*
2. *L-offerenti jridu jissottomettu* bid-bond *ta' €36,450;*
3. *Offerti inqas minn €12,150 fis-sena ma kinux se jiġu kkunsidrati;*
4. *Is-sejħa għall-offerti tista' tkun soġġetta għad-dritt tal-ewwel rifjut ai termini tal-artikolu 32 tal-Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta. (fn. 1 Dokument a fol. 128 et sequitur)*

*Illi jirriżulta li għal din is-sejħa kien hemm żewġ offerti, u ċioe dik tar-rikorrenti u ta' terz, fejn l-offerta tat-terz kienet l-ogħla offerta. Illi r-rikorrenti jissottomettu illi huma kienu lesti li jgħollu l-offerta tagħhom li kieku ngħataw id-dritt tal-ewwel rifjut.*

*Illi jirriżulta illi dan id-dritt ma ngħatax prinċipalment peress li l-art li abbażi tagħha talbu d-dritt tal-ewwel rifjut ma kinitx proprjetà tagħhom iżda kienu għadhom fuq konvenju biex jixtruha. Addizzjonalment, l-Awtorità intimata ma laqgħetx l-offerta*

*tar-rikorrent għaliex irriżultalha illi r-rikorrent Robert Galea ma kienx reġistrat bħala bidwi* full-time *jew* part-time *mad-Dipartiment tal-Agrikoltura.*

*Illi t-Tribunal se jinvesti l-ewwel ir-raġuni tar-rifjut abbażi li Robert Galea ma kienx reġistrat bħala bidwi* full-time *jew* part-time *mad-Dipartiment tal-Agrikoltura.*

***Ikkunsidra;***

*Illi ai termini tal-artikolu 31(g) (E) (iv) tal-Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta, art tal-Gvern tista' tingħata* b'kiri jekk tikkonsisti f'raba' jew art raħlija li tingħata bi qbiela skont regolamenti maħruġa mill-Ministru jew permezz ta' avviż pubbliku maħruġ mill-awtorità kompetenti u dan taħt il-kundizzjonijiet murija f'dan l-avviż.

*Illi waħda mill-kundizzjonijiet tal-avviż li permezz tiegħu ħarġet is-sejħa odjerna kienet illi l-offerenti riedu jkunu bdiewa* full-time *jew* part-time *skont ċertifikat maħruġ mid-Dipartiment tal-Agrikoltura.(fn. 2 Dokument B a fol. 6)*

*Illi r-rikorrenti xehdu illi huma mhux miżżewġin u dejjem ħadmu flimkien tant illi għandhom numru tal-VAT wieħed u kont bankarju wieħed. Spjegaw illi l-artijiet agrikoli li jaħdmu rreġistrawhom mad-Dipartiment tal-Agrikoltura fuq wieħed minnhom biss, ċioe fuq John Galea, u dana peress li ma setgħux jirreġistrawhom uħud fuq wieħed u uħud fuq l-ieħor b'numru tal-VAT wieħed. Però jirriżulta illi Robert Galea huwa reġistrat bħala* helper *fuq ir-reġistrazzjoni ta' ħuh John Galea.*

*Ir-rikorrenti pproduċew lir-rappreżentant tal-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA) li ppreżenta dokumenti li juru l-għelieqi li hemm reġistrati mal-istess Aġenzija f'isem John Galea u Robert Galea separatament. Illi minn dawn id-dokumenti jirriżulta illi filwaqt li John Galea kien ilu reġistrat mal-Aġenzija mill-2019, Robert Galea kien ilu reġistrat mal-Aġenzija mis-17 ta' Marzu, 2022, u ċioe wara li ttieħdet id-deċiżjoni appellata.*

*Illi ġew prodotti wkoll id-dokumenti annessi mal-offerta tar-rikorrenti minn fejn jirriżulta illi ż-żewġ rikorrenti huma reġistrati bħala bdiewa mal-JobsPlus u dana sa mill-1 ta' Jannar, 2019. (fn. 3 Dokument JG1 a fol. 30 u JG1A a fol. 32) Jirriżulta wkoll illi John Galea għandu "Farmer Card" maħruġa mill-Pitkalija filwaqt li Robert Galea għandu "Farmer Helper Card" maħruġa fuq in-numru ta' reġistrazzjoni ta' John Galea. (fn. 4 a fol. 148 u 149)*

*Illi t-Tribunal jifhem u huwa konvint illi Robert Galea jaħdem l-għelieqi ma' ħuh John Galea, però jibqa' l-fatt illi ma ġiet ippreżentata ebda prova illi huwa reġistrat bħala bidwi* full-time *jew* part-time. *Filwaqt li l-fatti jistgħu juru li huwa fil-fatt jiżvolġi attività ta' bidwi, fil-fehma ta' dan it-Tribunal dan mhux biżżejjed biex jikkwalifikah*

*bħala offerent validu. Illi l-Awtorità tistipula l-kundizzjonijiet mas-sejħa għall-offerti biex il-proċess ikun trasparenti kemm jista' jkun. Dik it-trasparenza titlob allura li hija trid timxi mal-*policies *imfassla minnha stess u jekk ikun hemm xi nuqqas f'xi kriterju allura għandha tqisu fl-evalwazzjoni tagħha.*

*Illi d-difensur tar-rikorrenti, fis-sottomissjonijiet finali sostna illi John Galea seta' applika waħdu għas-sejħa in eżami, u b'hekk kien jikkwalifika.*

*Illi filwaqt li t-Tribunal jifhem dan l-argument, madanakollu jibqa' l-fatt li r-rikorrenti, minkejja li kienu jafu bil-kriterju li riedu jkunu reġistrati mad-Dipartiment tal-Agrikoltura bħala bidwi* full-time *jew* part-time, *xorta waħda pproċedew biex jitfgħu l-offerta flimkien. Illi fil-fehma ta' dan it-Tribunal, l-Awtorità ma setgħetx tifred liż-żewġ offerenti u tiddeċiedi l-offerta fuq bażi individwali. Ladarba kien hemm żewġ offerenti, it-tnejn li huma riedu jissodisfaw il-kriterji kollha tas-sejħa għall-offerti. Kwindi minn dan l-aspett it-Tribunal ma jsib xejn x'jiċċensura mid-deċiżjoni appellata. Illi t-Tribunal jista' jieqaf hawn fil-kunsiderazzjonijiet tiegħu, però jħoss li jkun utili jeżamina wkoll it-tieni lanjanza tar-rikorrenti, u ċioe jekk l-Awtorità intimata mxietx b'mod raġonevoli meta qieset illi r-rikorrenti ma kinux jikkwalifikaw għad-dritt tal-ewwel rifjut.*

*Illi ai termini tal-artikolu 32 tal-Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta:*

"Offerti għal trasferiment ta' art tal-Gvern jistgħu jkunu soġġetti għal dritt magħruf bħala d-dritt tal-ewwel rifjut:

(a) liċ-ċenswalist jew lill-kerrej li jkun jokkupa l-aħħar dik l-art;

**(b) lill-pussessur li għandu art li tmiss minn fuq, minn taħt jew biswit art tal-Gvern; jew**

(ċ) lill-pussessur li qabel l-offerta għat-trasferiment ikun ġie mċaqlaq jew mitlub li jiċċaqlaq minn art tal-Gvern u jkun għadu ma ngħatax post alternattiv."

*Illi din id-dispożizzjoni tal-liġi hija supplita b'*policy *tal-istess Awtorità, u ċioe Policy TN2, li tirregola kif l-Awtorità għandha tagħti d-dritt tal-ewwel rifjut. Iċ-ċitata* policy *tgħid illi talbiet għad-dritt tal-ewwel rifjut jiġu milqugħa jekk il-persuna li tkun qed titlob dan id-dritt tissodisfa wieħed mill-kriterji sussegwenti skont is-segwenti ordni, u ċioe:*

*...*

**(ċ) Pussessur li għandu art li tmiss minn fuq dik l-art soġġettata għas-sejħa;**

**(d) Pussessur li għandu art li tmiss minn taħt dik l-art soġġettata għas-sejħa;**

**(e) Pussessur li għandu art biswit dik l-art soġġettata għas-sejħa u**

- **(i) li kellu hu stess l-eqdem dritt reali;**
- **(ii) li l-aventi causa tiegħu kellu l-eqdem dritt reali;**
- **(iii) li ċ-ċenswalist għandu titolu perpetwu;**
- **(iv) li ċ-ċenswalist għad fadallu l-itwal ċens temporanju;**
- **(v) li hu kerrej**

**Fil-każ ta' fejn hemm aktar minn offerent wieħed li għandu dritt tal-ewwel rifjut minħabba art biswit, preċedenza għandha tingħata lil dak l-offerent li għandu l-eqreb art lejn dik soġġettata għas-sejħa.**

*Illi mill-provi prodotti jirriżulta illi fis-7 ta' Frar, 2019 ir-rikorrenti daħlu f'konvenju ma' terzi għall-akkwist ta' biċċa art li allegatament tmiss mal-art in kwistjoni. Qiegħed jingħad allegatament għaliex l-ebda parti ma pproduċiet pjanta b'indikazzjoni fejn tinsab l-art li għaliha ħarġet is-sejħa għall-offerti. It-Tribunal jinnota illi għalkemm ir-rikorrent John Galea esebixxa l-pjanta li hemm mas-sejħa għall-offerti, huwa mmarka fuqha l-art proprjetà tiegħu jew fil-pussess tiegħu. Madanakollu ma jirriżultax illi hemm xi kontestazzjoni li l-art li dwarha r-rikorrenti kellhom konvenju tmiss mal-art in kwistjoni. Il-pern tan-nuqqas ta' qbil huwa dwar jekk l-Awtorità intimata kellhiex tieħu in konsiderazzjoni l-fatt li r-rikorrenti kellhom konvenju pendenti għal art adjaċenti dik in kwistjoni, liema art kienet ukoll fil-pussess tagħhom fil-mument li huma tefgħu l-offerta.*

*Illi skont il-memo tal-Bord datata 22 ta' Frar, 2022, u esebita a fol. 158 jirriżulta li l-Bord ikkunsidra li r-rikorrenti ma kellhom ebda titolu skont il-liġi bis-saħħa tal-konvenju li kien għadu pendenti.*

*Illi t-Tribunal josserva illi Artikolu 32 tal-Kapitolu 573 u l-*Policy *TN 2 isemmu li sabiex offerent jista' jiġi kkunsidrat għad-dritt tal-ewwel rifjut huwa jrid ikun "**pussessur**" ta' art li tmiss ma' dik li tkun ħarġet għall-bejgħ.*

*Illi l-Bord tal-Gvernaturi kien fil-pussess tas-sottomissjonijiet tar-rikorrenti fejn kien hemm spjegat ċar illi wara li r-rikorrenti għamlu l-konvenju, peress li l-affarijiet sabiex isir il-kuntratt kienu qed jitwalu minħabba kwistjoni ta' xi ċnus, ir-rikorrenti avvanzaw somma konsiderevoli mill-prezz lill-bejjiegħa prospettivi fejn dawn tal-aħħar tawhom id-dritt li jidħlu jaħdmu r-raba', kif fil-fatt għamlu. Dan kollu huwa korroborat mid-depożizzjonijiet tal-bejjiegħa quddiem dan it-Tribunal. Illi sfortunatament il-ftehim fejn ġiet avvanzata s-somma hawn fuq imsemmija ma setax jiġi eżaminat minn dan it-Tribunal stante li ebda parti ma ssottomettietu.*

*Illi però ma jirriżultax kontestat illi r-rikorrenti kellhom pussess tal-art mertu tal-konvenju fiż-żmien li huma għamlu l-offerta tagħhom. Madanakollu l-Awtorità intimata tisħaq illi dan il-pussess ma kienx wieħed li l-Awtorità setgħet toqgħod fuqu għaliex seta' jiġi revokat fi kwalunkwe ħin. Illi tenut kont tal-kwadru tal-fatti kif ippreżentati, dan it-Tribunal ma jaqbilx ma' din is-sottomissjoni. Illi huwa ċar illi r-rikorrenti ma kinux fil-pussess tal-art biswit l-art in kwistjoni b'xi mod klandestin jew mingħajr kunsens tas-sidien. Kien hemm ftehim li huma jkollhom pussess sakemm l-art tiġi trasferita fuqhom. Jirriżulta li għalhekk il-Bord naqas milli jeżamina b'mod raġonevoli l-kwistjoni tal-pussess u għamel biss eżami superfiċjali tal-kwistjoni. Illi għalkemm dan it-Tribunal jisħaq illi mal-offerti għandhom jiġu sottomessi d-dokumenti kollha li jsostnu t-talba tad-dritt tal-ewwel rifjut, f'dan il-każ l-Awtorità setgħet ġabet konferma mingħand il-bejjiegħa prospettivi dwar il-pussess li huma kienu taw lir-rikorrenti ladarba dan kien espressament indikat fl-applikazzjoni tagħhom tad-dritt tal-ewwel rifjut. Hawnhekk irid jingħad illi dan il-pussess ma kienx wieħed verbali iżda kien wieħed li sar quddiem Nutar u mal-għoti tiegħu għaddiet somma konsiderevoli ta' flus lill-bejjiegħa prospettivi.*

*Illi filwaqt li t-Tribunal japprezza illi l-kuntratt finali ma kienx mibgħut lill-Awtorità intimata qabel ma ttieħdet id-deċiżjoni appellata, stante li dan ġie pubblikat fit-28 ta' Frar, 2022, u kwindi l-Bord tal-Gvernaturi, fis-seduta tal-25 ta' Frar, 2022, ma setax jieħu konjizzjoni tiegħu, kif ġia ingħad hawn fuq, l-istess Bord ma għamilx evalwazzjoni korretta tal-pussess li kellhom ir-rikorrenti tar-raba' li kienet tmiss mal-art in kwistjoni.*

*Illi għaldaqstant it-Tribunal se jkun qiegħed jirrevoka d-deċiżjoni appellata limitatament fejn ġie deċiż illi r-rikorrenti ma kinux jikkwalifikaw għad-dritt tal-ewwel rifjut u dan naturalment li kieku t-tnejn li huma kienu offerenti validi.*

*Illi finalment it-Tribunal jagħmel referenza għas-sottomissjoni tar-rikorrenti fir-rigward li, mingħajr preġudizzju għal dak li ntqal hawn fuq, huma kellhom jingħataw id-dritt tal-ewwel rifjut għaliex kellhom raba' "biswit" l-art in kwistjoni. Illi fit-trattazzjoni orali d-difensur tar-rikorrenti saħaq illi "biswit" ma tfissirx, kif qed tinterpretaha l-Awtorità intimata, illi l-art fil-pussess tal-offerenti trid tkun eżattament tmiss mal-art għall-bejgħ. Huwa argumenta illi r-rikorrenti għandhom raba' ieħor li qiegħed fil-viċinanza tal-art in kwistjoni u kwindi li kienu jikkwalifikaw biex jingħataw id-dritt tal-ewwel rifjut.*

*Illi t-Tribunal jagħmel referenza għat-test Ingliż tal-Artikolu 32 tal-Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex jitfa' dawl fuq din il-kwistjoni. Di fatti dan l-artikolu jgħid is-segwenti:*

Offers for the disposal of government land may be made subject to the right known as the right of first refusal:

(i) to the emphyteuta or to the lessee who was the last person to occupy such land;
(ii) to the possessor who has the land which is situated above, below or **adjacent** to Government land; or
(iii) to the possessor who prior to the offer of disposal has been relocated or asked to relocate from Government land and who has not yet been granted an alternative place.

*Illi għalhekk filwaqt li fit-test Malti wieħed isib il-kelma "biswit", fit-test Ingliż isib il-kelma "*adjacent". *Fil-fehma tat-Tribunal, għalhekk, l-intenzjoni tal-Leġislatur kienet li l-art li trid tkun fil-pussess tal-offerent trid tkun tmiss ma' dik li tkun ħarġet għall-offerta.*

*Għalhekk fid-dawl ta' dan kollu, it-Tribunal ma jistax jifhem il-*policy *li tgħid is-segwenti:-*

**Fil-każ ta' fejn hemm aktar minn offerent wieħed li għandu dritt tal-ewwel rifjut minħabba art biswit, preċedenza għandha tingħata lil dak l-offerent li <u>għandu l-eqreb</u> art lejn dik soġġettata għas-sejħa.**

*Dan għaliex jekk art tmiss ma' art oħra, mhemm l-ebda waħda minnhom li tkun "l-eqreb art" lejn dik soġġettata għas-sejħa.*

***Decide***

*Għaldaqstant, it-Tribunal għar-raġunijiet hawn fuq premessi u fit-termini hawn enunċjati, qiegħed jiċħad l-appell tar-rikorrenti fir-rigward ta' dik il-parti tad-deċiżjoni fejn ġie deċiż li Robert Galea mhux eliġibbli stante li mhux reġistrat bħala* part-time farmer, *filwaqt li jirrevokaha f'dik il-parti fejn ġie deċiż li r-rikorrenti ma kinux jikkwalifikaw għad-dritt tal-ewwel rifjut abbażi tal-pussess li kellhom ta' art li kienet tmiss ma' dik in kwistjoni.*

*Spejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.*

## <u>L-Appell</u>

13. Ir-rikorrenti ressqu l-appell tagħhom minn din is-sentenza permezz ta' rikors tal-appell tal-11 ta' Ottubru, 2022, fejn talbu lil din il-Qorti tikkonferma l-

parti tas-sentenza tat-Tribunal fejn ġie deċiż li d-deċiżjoni tal-Awtorità appellata għandha tiġi revokata fejn ingħad li r-rikorrenti ma kinux jikkwalifikaw għad-dritt tal-ewwel rifjut abbażi tal-pussess tal-art li kienet tmiss ma' dik in kwistjoni; filwaqt li tirrevokaha, tħassarha u tikkanċellaha fil-kumplament tagħha, u minflok tgħaddi biex tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti fl-intier tagħhom, u bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellata.

14. L-appellanti qalu li huma ħassewhom aggravati għaliex it-Tribunal ma qiesx tajjeb il-konsegwenzi legali li kellhom jiskaturixxu mill-fatt li l-appellant Robert Galea ma kienx reġistrat bħala bidwi *part-time* jew *full-time* mad-Dipartiment tal-Agrikoltura. L-appellanti qalu li t-Tribunal wasal għad-deċiżjoni tiegħu għaliex huma għażlu li jitfgħu l-offerta flimkien, u għalhekk l-Awtorità qieset li kull wieħed minnhom kellu jissodisfa r-rekwiżiti tas-sejħa in kwistjoni, inkluż ir-rekwiżit li kull offerent irid ikun reġistrat bħala bidwi mad-Dipartiment tal-Agrikoltura. Qalu li ladarba huma għażlu li jitfgħu l-offerta flimkien, l-Awtorità intimata ddeċidiet li l-offerta kellha titqies invalida għat-tnejn li huma, għaliex ma setax jiġi kkonsidrat offerent wieħed għall-esklużjoni tal-ieħor, ladarba dawn ressqu l-offerta tagħhom flimkien. L-appellanti qalu li t-Tribunal wasal għal dawn il-konklużjonjiet wara li osserva li kien konvint li Robert Galea tassew jaħdem l-għelieqi ma' ħuh, iżda dan ma kienx suffiċjenti għaliex il-kundizzjonijiet tas-sejħa kienu jitolbu li kull offerent irid ikun irreġistrat bħala bidwi mad-Dipartiment tal-Agrikoltura. L-appellanti qalu li kienet saret sejħa pubblika għall-offerti, li wieġbu għaliha t-tnejn li huma, billi huma jaħdmu flimkien bħala sħab u jiġġestixxu attività agrikola. Qalu li minħabba li huma joperaw flimkien, bosta mir-reġistrazzjonijiet li għandhom mad-Dipartiment tal-

Agrikoltura huma f'isem John Galea waħdu, għalkemm il-preżenza u l-attività ta' Robert Galea hija rikonoxxuta anki mill-Aġenzija JobsPlus. L-appellanti qalu li ladarba lill-Awtorità appellata rriżultalha li kien biss John Galea li kien reġistrat mad-Dipartiment tal-Agrikoltura, l-offerta sħiħa ma ġiex milqugħa. L-appellanti qalu li huma ħassewhom aggravati għaliex l-Awtorità ma kellha qatt tqis l-offerta sħiħa bħala invalida, iżda jekk xejn kellha tqis biss li l-offerta ta' Robert Galea ma kinitx valida. L-appellanti qalu li l-kundizzjonijiet tas-sejħa jistipulaw li *"[l]-offerenti għandhom ikunu persuni li huma rreġistrati bħala bdiewa full-time jew part-time, skont ċertifikat maħruġ mid-Dipartiment tal-Agrikoltura ...",* u għalhekk il-kwalità tar-reġistrazzjoni hija kriterju ta' eliġibbilità tal-offerenti u mhux kriterju tal-ammissibilità tal-offerta. Qalu li għalhekk id-deċiżjoni li kellha tieħu l-Awtorità kellha tkun li dawk l-oblaturi li ma jissodisfawx il-kriterju tar-reġistrazzjoni għandhom jiġu skwalifikati. L-appellanti qalu li għalhekk it-Tribunal kien żbaljat għaliex dan ekwipara l-kriterju tal-eliġibbilità ta' offerent mal-kriterji tal-ammissibilità tal-offerta, li huma ttrattati band'oħra fis-sejħa għall-offerti.

15. L-appellanti saħqu li ladarba wieħed mill-offerenti kien reġistrat kif suppost, l-unika konsegwenza li kellha ssegwi kienet li Robert Galea kellu jiġi skwalifikat mill-offerta, u mhux li tiġi skwalifikata l-offerta sħiħa. L-appellanti qalu li l-parti tad-deċiżjoni tal-appellata li kkonkludiet li l-offerta tal-appellanti ma setgħetx titqies aktar għaliex Robert Galea ma kienx debitament reġistrat bħala bidwi kif suppost, hija manifestement ħażina u irraġonevoli, u għalhekk revokabbli, għaliex b'dak il-mod l-Awtorità appellata żiedet maċ-ċirkostanzi elenkati fil-kundizzjonijiet tas-sejħa, u għalhekk annullat offerta meta ma kien

hemm ebda kundizzjoni fis-sejħa li kienet tikkontempla konsegwenza bħal din. L-appellanti qalu li għalhekk anki s-sentenza tat-Tribunal hija waħda ħażina għaliex ibbażata fuq konsiderazzjonijiet ħżiena u irrilevanti, u għalhekk hija sproporzjonata għaliex l-esklużjoni biss ta' Robert Galea mill-proċess tas-sejħa kien rimedju ferm aktar proporzjonat maċ-ċirkostanzi tal-każ, u kien ikun rimedju li jippermetti li tipprevali s-sostanza tal-offerta fl-ispirtu tal-kirja. L-appellanti qalu li dan ir-rimedju lanqas ma kien ser jippreġudika b'mod inġust lit-terz li wkoll issottometta l-offerta tiegħu, għaliex b'dan il-mod l-ebda wieħed mill-offerenti ma kien ser jingħata vantaġġ indebitu fuq l-ieħor. Qalu li kien biss bid-deċiżjoni tal-Awtorità appellata li ngħata vantaġġ indebitu lit-terz in kwistjoni, u b'hekk ħeles mill-konkorrenza tar-rikorrenti, li saħansitra kellhom dritt tal-ewwel rifjut għall-akkwist ta' din il-kirja.

16. L-Awtorità appellata ma ressqet l-ebda risposta għal dan ir-rikors tal-appell, u lanqas ma kienet rappreżentata quddiem din il-Qorti meta nstemgħu s-sottomissjonijiet dwar l-appell tal-appellanti.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

17. Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravju sollevat mill-appellanti, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal fis-sentenza tiegħu. L-appellanti ħassewhom aggravati għaliex it-Tribunal fis-sentenza tiegħu ma ħax konjizzjoni tal-konsegwenzi legali li kellhom jiskaturixxu mill-fatt li Robert Galea ma kienx reġistrat bħala bidwi *full-time* jew *part-time* mad-Dipartiment tal-Agrikoltura, u kien għalhekk li t-Tribunal ikkonferma d-deċiżjoni tal-Awtorità

appellata li l-applikazzjoni mitfugħa mill-appellanti kellha titqies li hija invalida stante għaliex ma tissodisfax ir-rekwiżiti tas-sejħa għall-offerti.

18. L-appellanti spjegaw li huma għażlu li jitfgħu l-offerta tagħhom flimkien, u din id-diffikultà ma kinitx tinqala' li kieku John Galea għażel li jitfa' l-offerta tiegħu waħdu, għaliex huwa fil-fatt irreġistrat bħala bidwi *part-time* mad-Dipartiment tal-Agrikoltura. Id-diffikultà nqalgħet għaliex l-appellata qieset li wieħed mill-offerenti mhuwiex irreġistrat bħala bidwi, u dan minkejja dak li kienu jistipulaw il-kundizzjonijiet tas-sejħa għall-offerti, li kull wieħed mill-offerenti jrid ikun irreġistrat bħala bidwi *full-time* jew *part-time* mad-Dipartiment tal-Agrikoltura, inkella jrid ikun temm b'suċċess kors relatat mal-agrikoltura. L-appellanti jikkontendu li ladarba rriżulta li wieħed mill-offerenti ma kienx jissodisfa r-rekwiżiti tas-sejħa għall-offerti, kienet l-offerta ta' dan l-oblatur li kellha titqies bħala invalida, u mhux l-offerta magħmula minnhom fl-intier tagħha. Huma saħqu li r-reġistrazzjoni bħala 'bidwi' mad-Dipartiment tal-Agrikoltura hija kriterju ta' eliġibbilità tal-offerent, u mhux kriterju ta' ammissibilità tal-offerta, u għalhekk ma kellhiex tiġi skwalifikata l-offerta sħiħa.

19. Il-Qorti tirrileva li mill-provi prodotti jirriżulta li l-appellanti huma t-tnejn irreġistrati bħala bdiewa *part-time* mal-Aġenzija JobsPlus, għalkemm huwa biss John Galea li għandu ċ-ċertifikat tal-Agricultural and Rural Payments Agency (ARPA) maħruġ mid-Dipartiment tal-Agrikoltura. Jirriżulta li r-raġuni għal dan hija waħda burokratika, u dan għaliex meta r-raba' jinħadem minn aktar minn persuna waħda, hija biss persuna waħda li tkun tista' tirreġistra r-raba' li jinħadem f'isimha. Mill-provi jirriżulta li r-raba' kollu li jinħadem mill-appellanti huwa rreġistrat f'isem John Galea, u huwa John Galea li għandu l-*Farmer*

*Registration Code* maħruġ mid-Dipartiment tal-Agrikoltura sabiex ikun jista' jdaħħal il-prodotti l-Pitkalija. L-appellant Robert Galea min-naħa l-oħra huwa indikat fuq l-istess *Farmer Registration Code* ta' ħuh bħala '*helper',* u b'hekk l-awtoritajiet kompetenti jirrikonoxxu s-sehem li jagħti Robert Galea fl-attività agrikola flimkien ma' ħuh. Għalhekk din il-Qorti tqis li m'għandu jkun hemm l-ebda dubju li l-appellanti huma t-tnejn bdiewa *part-time,* tant hu hekk li ż-żewġ appellant huma rreġistrati mal-Aġenzija JobsPlus bħala bdiewa *part-time*, u huwa biss għal raġunijiet burokratiċi li Robert Galea, it-tieni appellant, m'għandux ukoll ċertifikat tal-ARPA f'ismu. Mill-provi jirriżulta bl-aktar mod ampju li l-appellanti jiġġestixxu flimkien attività agrikola waħda, tant hu hekk li għandhom l-istess numru tal-VAT u joperaw ukoll b'kont bankarju wieħed.

20. Il-Qorti tosserva li x-xhud li ta d-depożizzjoni tiegħu f'isem l-Awtorità appellata Ronald Psaila, xehed li f'dawn il-każijiet l-Awtorità tqis biss iċ-ċertifikat tal-ARPA bħala l-prova ewlenija li l-offerent li jipparteċipa fis-sejħa għall-offerti huwa bidwi rreġistrat. Dan ifisser li l-Awtorità appellata kienet lesta li twarrab għal kollox diversi provi oħra, bħal ma huwa l-fatt li per eżempju l-appellanti huma t-tnejn irreġistrati mal-Aġenzija JobsPlus bħala bdiewa *part-time,* u l-fatt li Robert Galea huwa indikat bħala '*helper*' fuq l-*FRC number* ta' ħuh, filwaqt li tinsisti fuq il-preżentazzjoni taċ-ċertifikat tal-ARPA, meta hemm raġunijiet partikolari għalfejn Robert Galea m'għandux ċertifikat bħal dan fuq ismu. Il-Qorti tqis li l-mod kif ittieħdet id-deċiżjoni mill-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità appellata, ma kienx wieħed raġonevoli, għaliex din skartat għal kollox provi konvinċenti li l-appellanti li pparteċipaw fis-sejħa għall-offerti in kwistjoni, it-tnejn li huma bdiewa *part-time*. Huwa minnu li s-sejħa għall-offerti kienet

tistipula li kull offerent irid iġib prova li huwa bidwi *full-time* jew *part-time* reġistrat mad-Dipartiment tal-Agrikoltura*,* iżda f'dan il-każ il-prova mitluba saret, anki jekk mhux permezz taċ-ċertifikat tal-ARPA maħruġ f'isem kull wieħed mill-oblaturi. L-Awtorità appellata m'għandhiex tkun selettiva meta tiġi biex tieħu deċiżjonijiet bħal dawn, u ladarba tressqu provi oġġettivi li juru li l-offerenti huma t-tnejn irreġistrati bħala bdiewa mal-aġenzija li tirregola l-impjiegi f'pajjiżna, li Robert Galea huwa indikat bħala '*helper'* fuq l-*FRC number* ta' ħuh, u li Robert Galea ma setax jinħariġlu ċertifikat tal-ARPA minħabba raġunijiet burokratiċi u mhux għax mhux tabilħaqq jaħdem bħala bidwi *part-time*, dawk il-provi ma kellhomx jiġu skartati. Il-Qorti għalhekk tqis li l-Awtorità appellata kienet żbaljata fil-mod kif ħadet id-deċiżjoni tagħha li teskludi lill-appellanti mill-proċess tal-aġġudikazzjoni tas-sejħa għall-offerti in kwistjoni.

21. Il-Qorti tqis li ladarba diġà ġie deċiż mit-Tribunal li l-appellanti għandhom jingħataw id-dritt tal-ewwel rifjut abbażi tal-fatt li huma għandhom pussess u jaħdmu art adjaċenti għal dik mertu ta' din is-sejħa għall-offerti, l-Awtorità appellata għandha tikkonsidra wkoll l-offerta li saret minnhom stante li saret il-prova li huma t-tnejn irreġistrati bħala bdiewa. Dan ifisser li l-appellanti għandhom jingħataw l-opportunità li jgħollu l-offerta tagħhom skont l-ogħla offerta mitfugħa mit-terz li pparteċipa fis-sejħa għall-offerti in kwistjoni, u dan sabiex jiġi mħares id-dritt tagħhom tal-ewwel rifjut.

## Decide

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi l-appell tal-appellanti billi tilqgħu, u filwaqt li tikkonferma l-parti tas-sentenza tat-Tribunal li ddeċidiet li**

**l-appellanti jikkwalifikaw għad-dritt tal-ewwel rifjut abbażi tal-pussess tal-art li kienet tmiss ma' dik mertu ta' dawn il-proċeduri, tirrevoka, tħassar u tikkanċella l-kumplament tas-sentenza appellata safejn ġie deċiż li l-appellanti naqsu milli jippruvaw li huma t-tnejn irreġistrati bħala bdiewa *part-time*.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal u ta' dan l-appell, huma a karigu tal-appellata.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**